DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/726

tat-2 ta' Mejju 2018

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2018)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-EUCAP Sahel Niger, inkluż, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fis-6 ta' Mejju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2014 ([2]), li taħtar lis-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-6 ta' Mejju 2014 sal-15 ta' Lulju 2014.

(3) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/482/PESK ([3]), li testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2014 sal-15 ta' Lulju 2016.

(4) Fl-24 ta' Lulju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/3/2014 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2014 sal-15 ta' Lulju 2015.

(5) Fil-15 ta' April 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/611 ([5]), li testendi l-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2015 sal-15 ta' Lulju 2016.

(6) Fit-18 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1172 ([6]), li testendi l-mandat tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2016 sal-15 ta' Lulju 2018.

(7) Fis-26 ta' Lulju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1632 ([7]) li taħtar lis-Sinjura Kirsi HENRIKSSON bħala Kap tal-EUCAP Sahel Niger mill-1 ta' Settembru 2016 sal-15 ta' Lulju 2017.

(8) Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1174 ([8]), li testendi l-mandat tas-Sinjura Kirsi HENRIKSSON bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2017 sal-15 ta' Lulju 2018.

(9) Fil-25 ta' April 2018, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Frank VAN DER MUEREN bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger.

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/2/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (2014/259/PESK) (ĠU L 136, 9.5.2014, p. 26).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/482/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 31).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/3/2014 tal-24 ta' Lulju 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (2014/643/PESK) (ĠU L 267, 6.9.2014, p. 5).

([5]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/611 tal-15 ta' April 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2015) (ĠU L 101, 18.4.2015, p. 61).

([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 106).

([7]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1632 tas-26 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2016) (ĠU L 243, 10.9.2016, p. 6).

([8]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1174 tat-13 ta' Ġunju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2017) (ĠU L 170, 1.7.2017, p. 92).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Frank VAN DER MUEREN huwa b'dan maħtur bħala Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) mill-1 ta' Mejju 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2018.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS